31980R2742

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2742/80

tas-27 ta' Ottubru 1980

dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għal Kooperazzjoni bejn il-KEE u l-Libanu Nru 3/80 li jemenda il-Protokoll dwar it-tifsira tal-kunċett ta' prodotti li joriġinaw u metodi ta' kooperazzjoni amministrattivi għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża [1] ġie ffirmat fit-3 ta' Mejju 1977 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1978;

Billi skond l-Artikolu 25 tal-Protokoll dwar it-tifsira tad-definizzjoni ta' prodotti li joriġinaw u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn il-KEE u l-Libanu adotta id-Deċiżjoni Nru 3/80 li jemenda il-Protokoll f'dak illi jirrigwarda regoli ta' oriġini;

Billi dik id-Deċiżjoni għandha ssir operattiva fil-Komunità,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 3/80 tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn il-KEE u l-Libanu għandha tkun applikabbli fil-Komunità.

It-test tad-Deċiżjoni għandu jiġi anness ma' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 1980.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Ottubru 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SANTER

---

[1] ĠU L 267, tas-27.9.1978, p. 2.